**9 ta' Lulju, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Francis Theuma

**Xhud – Inġunzjoni – Nuqqas ta' Dehra**

*Meta xhud, debitament inġunt, ma jidhirx il-Qorti għandha tipprovdi skond il-liġi biex tassikura l-attendenza tiegħu u, jekk hemm bżonn, tiddifferixxi l-kawża biex tisimgħu.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-akkużat;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-25 ta' Marzu, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) illiberat lill-imputat minħabba nuqqas ta' provi;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tħassar dik is-sentenza u wara li tisma' l-provi, ssib lill-imputat ħati u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat:

1. L-aggravju ta' l-appellant hu li fil-prim'istanza l-prosekuzzjoni ġiet miċħuda kontra l-liġi milli tipproduċi l-provi kollha li kellha;

2. Irriżulta li fl-udjenza tal-25 ta' Marzu, 1992 ebda xhud tal-prosekuzzjoni li ġie msejjaħ ma deher biex jixhed quddiem l-ewwel Qorti. Kull wieħed minnhom kien ġie debitament inġunt

mill-Pulizija. F'dawn iċ-ċirkostanzi dik il-Qorti kellha tipprovdi skond il-liġi biex tassikura l-attendenza tax-xhieda, u jekk ikun hemm bżonn tiddiferixxi l-kawża biex tismagħhom. Minflok, il-Qorti ppronunzjat is-sentenza msemmija u lliberat lill-imputat. L-appell huwa għalhekk ġust;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata, u tiddiferixxi l-kawża għall-provi kollha għas-27 ta' Awissu 1992.